MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2009

Appell Kriminali Numru. 267/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. Sandro Camilleri)**
**Vs**
**Raymond Sammut**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-11 ta’ Mejju, 2008, f’diversi hinijiet gewwa l-fond 30, “Paradise”, Triq l-Awstralja, Naxxar,
1. iffastidja lil martu Victoria Sammut;
2. fl-istess data w lok ghall-habta ta’ 13.00 hrs, insulenta bi kliem lil martu Victoria Sammut.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ Settembru, 2008, li biha, wara li rat l-artikolu 251A(1) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma sabitx lill-appellant hati tal-ewwel akkuza w ghaldaqstant illiberatu minnha, izda sabitu hati tat-tieni akkuza w ikkundannatu twiddiba w canfira.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta' Settembru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja w timmodifika s-sentenza appellata fis-sens illi fl-ewwel lok tikkonfermaha in kwantu ma nstabx hati ta' l-ewwel akkuza dedotta kontra tieghu, w fit-tieni lok, kwantu ghat-tieni akkuza, thassaraha w tirrevokaha w dan billi tillibera lill-appellant minn kull piena w imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji kollha tal-appellant u li huma s-segwenti :-
1. Illi fl-ewwel lok, tajjeb jinghad illi Victoria Sammut innfisha hija persuna mill-inqas kredibbli. Tajjeb li jinghad illi marret taghmel ir-rapport lill-Pulizija mas-sitt sighat wara li gara l-allegat incident, li fih qalet li giet fastidjata;
2. illi din mhix l-ewwel darba li l-istess Victoria Sammut ghamlet akkuzi simili kontra l-appellant zewgha, dwar incidenti fittizji jew incidenti li tkun ipprovokat hi stess, sabiex, f'kaz ta' kundanna, jkollha x' jagevolaha quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Tant hu minnu dan, illi sostniet illi l-appellant ghandu jigi akkuzat b' fastidju fuq persuntha meta lanqas *prima facie* ma kien hemm l-elementi sabiex akkuza bhal din tregi;
3. illi fuq kollox l-appellant jichad kategorikament li nsulenta lill-istess Victoria Sammut. Min-naha l-ohra hija l-istess Victoria Sammut li tipprovoka incidenti kontinwi, fosthom dak li wassal ghall-fatti ta' din il-kawza, hekk kif jirrizulta mill-affidavit ta' PS 1122 stess, li qal li l-istess Victoria Sammut marret tkellem lill-appellant biex jieqaf mid-daqq tad-diski. Bid-differenza li fil-fatt mhux tkellmu marret, izda tipprovokah u tinsolentah;
4. illi di piu' t-tieni akkuza ma tregix stante illi fl-ewwel lok l-appellant jigi akkuzat talli f'diversi hinijiet fil-11 ta' Mejju, 2008 insolenta bi kliem lil martu, w fit-tieni lok, imbaghad jinghad illi dan kien ghall-habta ta' 13.00 hrs. Din l-akkuza ma tregix ghalhekk ghaliex hemm kunflitt dwar jekk fil-fatt dan il-fatt allegat garax fid-diversi hinijiet imsemmija fl-

akkuza jew inkella fis-13.00 hrs, li huma wkoll imsemmijin fl-akkuza;
5. illi fuq kollox hemm konflitt lampanti ta' provi ghaliex filwaqt li skond l-affidavit ta' PS 1122 "f'xi 12.00 hrs, ir-ragel taghha Raymond beda jdoqq id-diski w meta hija kellmitu, huwa insolentaha", l-akkuza ma gietx konfigurata skond il-hin imsemmi fl-affidavit, u cioe' nofsinhar, izda specifikament fis-siegha ta' wara nofsinhar, ossia, skond l-akkuza nfisha "13.00 hrs";
6. illi fuq kollox l-akkuza hija monka fis-sens illi l-appellant gie akkuzat b'akkuzi li allegatament sehhew fis-sena 208, sena li fiha la l-appellant u lanqas l-istess Victoria Sammut ma kienu jezistu! Ghalhekk dan l-allegat reat huwa palezament preskritt.

Semghet ix-xhieda ta' Victoria Sammut fis-seduta tal-lum.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

Illi ghar-rigward tal-aggravju li fil-komparixxi gie ndikat bi zball id-data "208" minflok is-sena "2008", jidher car illi dana l-aggravju huwa nfondat ghax huwa ovvju li dan huwa *lapsus computetri* w li kien car jew imissu kien car ghall-appellant illi kien qed jigi akkuzat b'incident li gara kwazi elfejn sena wara dak li hemm fic-citazzjoni w li ghalhekk imissu kien jaf ta' x'hix kien qed jigi akkuzat u zgur li seta' jiddefendi ruhu fuq l-akkuza minghajr diffikulta' ta' xejn.

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Buttigieg"** [4.11.1994] ;-

*" …..wara l-introduzzjoni ta' l-inciz (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali, li bih ic-citazzjoni ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikolaritajiet opportuni ta' zmien u l-lok, ic-citazzjoni ghadha mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita' taghha, jew tal-proceduri,*

*kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini tal-praticita' u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe' biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti, ikun jaf fuq hiex ikun gie mharrek, u hekk dak in-nhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu  ghall-imputazzjoni dedotta. L-imputazzjoni fil-kawzi sommarji hija dedotta kontra l-imputat proprjament u verament quddiem il-Qorti, u mhux fic-citazzjoni."*

L-istess jinghid ghall-aggravji dwar il-hin preciz meta saru l-ingurji verbali li dwarhom ghamel emfasi l-appellant. Dawn graw fuq periodu ta' hin wara nofsinhar tal-jum tal-11 ta' Mejju, 2008 mis-1pm il quddiem tul incident prolongat kif spjegat mix-xhud Victoria Sammut fil-kors tad-depozizzjoni taghha w dan jinkwadra ruhu sew fit-termini tac-citazzjoni. Ghalhekk dawn l-aggravji huma infondati.

L-aggravju dwar il-preskrizzjoni lanqas biss jimmerita konsiderazzjoni una volta li gie deciz li d-data tal-allegat reat hija ovvjament 2008 u mhux "208" u li dan kien zball u *lapsus computetri* w li suppost kien ovvju ghall-appellant li qed jikkontesta imputazzjoni dwar incident li gara fis-sena2008 u mhux 208.

Ghar-rigward tal-apprezzament tal-provi, din il-Qorti ghandha biss il-verzjoni tal-kwerelanti Victoria Sammut u m'ghandhix l-icken prova kuntrarja li tista' b'xi mod titfa' dubju fuq il-fatt illi l-appellant ingurjaha ripetutament bil-kliem li qal fl-incident imsemmi.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell qed jigi ritenut bhala wiehed infondat u li kwazi jirrazenta l-appell fieragh.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------